# QORTI TAL-MAGISTRATI MALTA

**MAGISTRAT**

**DR MICHAEL MALLIA LL.D.**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn 15 ta' Ottubru,2001**

**Numru 1**

**Avviz. numru 1468/00mm**

**Atlas Insurance Agency Limited agenti Malta tas-socjeta' estera Axa Insurance p.l.c. proprio u kif surrogata fid-drittijiet ta' Michael Attard Ltd**

**vs**

**Sea Malta Co Ltd u The Cargo Handling Company Ltd**

**Il-Qorti,**

Rat l-avvizipprezentat mis-socjeta' attrici fil-11 ta' Ottubru,2000 fejn talbet lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti jew min minnhom li jhallsu lill-istanti s-somma ta' tmien mija u wiehed u disghin lira u hamsa u ghoxrin centezmi (Lm891.25c) bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assigurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assigurat taghha fl-ammont

ta' tmien mija u seba liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm807.25c) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fil-11 ta' Ottubru,1999 ma' liema ammont ta' danni jizdied ammont ta' erba u tmenin lira (Lm84) survey fee inkorsi mis-socjeta' attrici u ghalhekk danni totali fl-ammont ta' Lm891.25.

Prevja d-dikjarazzjoni li huma jew min minnhom kienu responsabbli ghad-danni mgarrba mill-attur.

Bl-ispejjez u interessi mid-data tan-notifika tal-avviz kontra l-konvenuti jew min minnhom.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' The Cargo Handling Company Limited fejn eccepiet illi:-

1. Preliminarjament, illi s-socjeta' attrici ma taf b'ebda danni allegatament sofferti f'merkanzija li waslet fuq il-vapur Maltese Falcon fil-11 ta' Ottubru 2000, u dan kif indikat fl-avviz tas-socjeta' attrici;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, jinkombi fuq is-socjeta' attrici li tipprova illi l-allegati danni u nuqqasijiet sehhew waqt li l-vetturi de quo kienu taht il-kontroll effettiv u supervizjoni assoluta tas-socjeta' eccipjenti u li l-istess vetturi gew konsenjati lilha minghajr l-istess danni u nuqqasijiet;

3. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante illi s-socjeta' eccipjenti mhix

responsabbli ghall-allegati danni u nuqqasijiet lamentati izda dejjem qdiet l-obbligi taghha skond il-ligi;

4. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ammont pretiz huwa eccessiv u ghalhekk huwa kontestat;

5. Illi, subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet attrici huma intempestivi stante illi s-socjeta' eccipjenti qatt ma giet interpellata in konnessjoni mal-allegati danni u nuqqasijiet lamentati fic-citazzjoni attrici, u fi kwalunkwe kaz ma ghandhiex tbati l-ispejjez ta' dawn il-proceduri;

6. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' Sea Malta Company Limited fejn eccepiet illi:-

Fl-ewwel lok, in-nullita' tal-avviz stante li s-socjeta' konvenuta nghatat direzzjoni skorretta mir-Registratur tal-Qorti;

Fit-tieni lok, l-inkompetenza tal-Qorti ratione materiae;

Fit-tielet lok illi ghandha ssir korrezzjoni fl-avviz peress illi l-vapur Maltese Falcon ma wasalx Malta fil-11 ta' Ottubru, 2000 izda fil-11 ta' Ottubru,1999;

Fir-raba lok, u fi kwalunkwe kaz, illi d-danni reklamati ma jirrizultawx mit-Tally Sheet rilevanti, kopja ta' liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok A;

Fil-hames lok il-klawsola tal-esoneru kontenuta fil-polza tal-karigu ghat-tenur ta' liema s-socjeta' konvenuta ma hiex responsabbli ghad-danni reklamati;

Fis-sitt lok li t-talba tal-attur hija nfondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda;

Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:-

Illi l-izball fic-citazzjoni li gie rilevat fl-eccezzjonijiet tal-konvenuti gi e sanat permezz tad-digriet tat-28 ta' Marzu, 2001, u konsegwenza ta' dan is-socjeta' Cargo Handling irtirat l-ewwel eccezzjoni taghha.

Is-socjeta' Sea Malta Company Limited eccepiet ukoll in-nuqqas ta' l-kompetenza ta' din il-Qorti "ratione materiae". Il-Qorti tirrileva pero' illi ma saret l-ebda trattazzjoni jew ingabu xi provi biex jissustanzjaw din l-eccezzjoni tas-socjeta' Sea Malta.

Illi l-gurisdizzjoni tal-Qorti hija materja ta' ordni pubbliku u meta jirrizultalha li hemm xi nuqqas f'dan is-settur il-Qorti hija obbligata "ex officio" tqajjem il-kwistjoni. F'din il-kawza l-Qorti ma tara l-ebda kwistjoni ta' gurisdizzjoni, u ghalhekk mhux il-kaz li tikkunsidra aktar din l-eccezzjoni u tghaddi minnufih biex tikkonsidra l-meritu.

Irrizulta mill-provi illi kienu waslu Malta wiehed u sittin (61) karozza tal-marka Peugeot abbord il-vapur Maltese Falcon fil-11 ta' Ottubru,1999. Dakinhar stess dawn il-vetturi gew sbarkati minn fuq il-vapur u saret *joint tally* li kopja taghha hemm esebita a fol 9 tal-process. Skond din it-*tally* kien hemm erba (4) karozzi tal-marka Peugeot illi kien fihom diversi gradi ta' hsara. Sussegwentement dawn il-karozzi tpoggew fil-*compound* taht ir-responsabbilta tas-socjeta' konvenuta Cargo Handling, fejn, meta gew irrilaxxati fit-12 ta' Ottubru,1999, instab illi kien hemm aktar hsarat illi ma kienux immanifestati fit-tally sheet. Sar ukoll is-survey fuq dawn il-vetturi waqt li kienu ghadhom fil-pussess tal-Cargo Handling u hemm irrizultaw dawn il-hsarat f'aktar dettal. Giet esibita fattura fejn dawn il-hsarat huma elenkati kif ukoll l-ispiza ghat-tiswija taghhom.

Il-Qorti tirrileva illi l-vetturi elenkati fit-*tally sheet* mhumiex kollha riflessi fis-*survey* illi sar sussegwentement. Tant hu hekk illi l-ahhar zewg vetturi li jidhru fuq it-*tally sheet* ma jiffiguraw imkien fis-survey u ghalhekk mhux qed jigi reklamat xi hsarat fil-konfront taghhom.

Rigward l-ewwel vettura bic-chassis number 80937181 skond it-*tally sheet* dina rripurtat hsarat fuq ir-*right front wing*, mentri skond is-*survey* barra din il-hsara kien hemm ukoll ghafsa fuq il-*left rear door*. Evidentement ta' din l-ahhar hsara m'ghandhiex tkun responsabbli s-socjeta' Sea Malta.

Rigward il-vettura bic-chassis number 40507256 it-tieni wahda elenkata fit-*tally sheet,* instab illi kellha s-*cigarette lighter* nieqes, pero' waqt is-*survey* dana ma giex ripurtat, ghad illi s-*surveyor* innota illi kien hemm ghafsa fuq il-bieba ta' quddiem tax-xellug, liema ghafsa ma tidhirx li kienet apparenti jew almenu elenkata waqt li kien qed isir il-*joint tally* il-gurnata ta' qabel, fil-11 ta' Ottubru,1999. Ghalhekk minn dawn il-hsarat kollha kif elenkati fis-*survey* is-socjeta' Sea Malta ghandha tkun responsabbli biss ghall-hsarat subiti fuq il-vettura 80937181 u cioe' limitatament ghall-hsarat fuq il-*mudguard* ta' quddiem tal-lemin. Peress illi fid-dokument esibit mis-socjeta' attrici din il-hsara hija abbinata ma' hsara ohra mhux responsabbilta' tas-Sea Malta, l-Qorti trid taghmel referenza ghal xi hsara ohra simili biex tara x'inhi r-rata ta' tiswija u spray ta' *panel*. Skond l-istess *survey* jidher li biex tissewwa *panel* hemm bzonn spiza ta' tletin lira (Lm30.00) u hamsa u erbghin lira (Lm45.00) ghall-ispray. Dana igib total ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00) u hija biss din is-somma li ghandha tkun responsabbilta' tas-socjeta' Sea Malta. Ghal bqija l-Qorti hija sodisfatta illi dawn il-hsarat saru kollha meta kienu taht ir-responsabbilta' tas-socjeta' Cargo Handling, peress illi l-hsarat huma kompatibbli u wkoll elenkati mal-hsarat li jidhru fil-

*gate pass out*, liema dokument gie esibit f'dan il-process a fol 18 gie ffirmat mir-rapprezentant ta' l-importatur u Cargo Handling.

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tilqa' t-talba tas-socjeta' attrici. Tikkundanna lis-socjeta' Sea Malta sabiex thallas ic-cifra ta' hamsa u sebghin lira (Lm75.00), u s-socjeta' Cargo Handling illi thallas ic-cifra ta' seba mija tnejn u tletin lira u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm732.25c) kif ukoll is-somma ta' erba u tmenin lira (Lm84.00) bhala *survey fees* inkorsi mis-socjeta' attrici. Kollox bhala danni mgarrba mis-socjeta' attrici ai termini ta' polza ta' assikurazzjoni bejn l-attur u l-assikurat tieghu li permezz taghha s-socjeta' attrici kellha tindenizza lill-assikurat taghha l-ammont ta' tminn mija u seba liri u hamsa u ghoxrin centezmu (Lm807.25c) danni sofferti fil-merkanzija ta' vetturi li waslet Malta fuq il-vapur Maltese Falcon fil-11 ta' Ottubru,1999.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti illi ghandhom jigu ripartiti kwantu ghal tlett kwarti ghal The Cargo Handling Company Limited u kwart ghas-Sea Malta Company Limited.

Anthony Zammit

Dep Reg